MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 1311/2000/1

**Avviz numru 1311/00DM**

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emmanuel Vella sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Christopher Abdilla**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' tlett mija u hamsa u sebghin lira u tmenin centezmu (Lm375.80) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rappresentanti

danni sofferti minnhom fl-incident awtomobilistiku tal-1 ta' Mejju 1998 fi Birzebbuga, bejn il-vettura numru KAG 817 misjuqa minnhu u l-vettura numru BAR 318 misjuqa minn Alfred McIntyre u proprjeta' tal-assikurat Emmanuel Vella, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-25 tal-April 2000 u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tieghu kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Christopher Abdilla fejn eccepixxa illi:

1 1 Preliminarjament, il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici bid-dekors ta' sentejn abbazi ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap 16);
2 Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha peress illi l-incident in kwistjoni gara tort tad-driver l-iehor;
3 Fi kwalunkwe kaz u wkoll bla pregudizzju ghas-suespost d-danni reklamati huma eccessivi u ma jirriflettux id-danni kagjonati f'dan l-incident;
4 Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat in-nota ta' riduzzjoni pprezentata fl-24 ta' Mejju 2002 fejn l-atturi rriducew it-talba taghhom ghal mitejn u hamsa u sittin lira Maltin u tmenin centezmi (Lm265.80).

Rat il-verbal tat-22 ta' Jannar 2003 fejn id-difensur tal-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni u ddikjara illi l-kontestazzjoni tirrigwarda wkoll id-danni li huma eccessiv.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghal dak li jirrigwarda r-responsabilita’ ma tantx hemm divergenza bejn il-verzjonijie mghotija mis-sewwieqa involuti. Infatti l-konvenut jammetti li ried jidhol fit-triq principali, wzata mis-sewwieq tal-vettura assikurata ma’l-atturi, izda minhabba vettura ipparkeggjata li ostakolatlu xi ftit il-vizwali, spporga xi ftit iktar minn dak konsentit biex b’hekk postakola l-karreggjata tas-sewwieq l-iehor.

Minn-naha tas-sewwieq tal-vettura assikurata ma’l-atturi, Alfred McIntyre, ma jirrizulta xejn li huwa censurabbli. Infatti, kif anke jindika l-isketch huwa kien qed isuq b’velocita’ prudenti, fuq in-naha tieghu tat-triq, induna bil-konvenut hiereg, ha azzjoni evasiva u b’waqfien fil-pront imminimizza d-danni li sofriet il-vettura li kien qed isuq.

Del resto, McIntyre, kien il-‘main road user’ billi St. John Street, li hija ghad-dritt, hija principali ghal St. Vincent Street li tifforma T-Junction ma St. John Street u tisbocca fiha. Ghalhekk huwa kellhu d-dritta u l-kawa esklussiva tal-kollizzjoni kienet in-nuqqas ta kawtela u esplorazzjoni tal-konvenut meta gie biex jindavi t-triq principali.

Ghalhekk il-konvenut ghandhu jirrispondi ghad-danni minnhu ikkawzati.

Dwar dawn id-danni, l-konvenut isosstni li kienu jikkonsistu esklussivament fl-‘indicator’ tan-naha tax-xellug u li ghalhekk ma kellux x’jaqsam hu mal-hsarat l-ohra li gew riskontrati fuq il-post u li jidhru fir-ritratt (dok MM7 a fol. 29).

Huwa veru li effettivament tghatina, li qedgha vicin il-bieba ta quddiem tax-xellug tal-vettura assikurata ma’ l-atturi, ma kienetx giet ikkawzata fil-habta in kwistjoni, izda m’;hux veru dak li jallega il-konvenut li l-habta kienet daqs tant hafifa; infatti mill-Accident Report tal-ufficjal li nvestiga l-kaz jirrizulta li, kontra dak li jallega l-konvenut, il-vettura tieghu kient fil-fatt sofriet hsarat fil- mudguard, indicator u headlamp – kollha tan-naha tal-lemin, oltre l-bumper, grille u front panel; kollha hsarat kompatibbli ma habta bhal dik

in kwistjoni u liema hsarat huma iktar estensivi minn dawk li qed jallegaw l-atturi fir-rigward tal-vettura minnhom assigurat.

Fuq kollox, Natalino Agius, is-surveyor inkarigat mill-atturi, ikkonferma li hsarat kollha kienu mistenna li jirrikorru fi skontru hafif bhal dak in kwistkjoni u kkonerma ukoll il-korrettezza tal-valur tat-tiswijiet u tal-parts mibdula, hlief ghall-bumper li huwa kien issuggerixxa li jissewwa.

Ghalhekk d-danni totali kellhom ikunu ta LM74 ghall-parts, LM70 zebgha u rust-proofing u Lm50 ghall-panel beating; oltre dawn huma gustifikati ukoll LM16.50 ghal telf ta uzu tal-vettura waqt ir-riparazzjoni  u Lm13 spejjes tar-rapporti involuti; b’kollox  mitejn u tlieta u ghoxin lira u hamsin centezmi (LM223.50).

Ghalhekk tillikwida danni totali li ghalihom irid jirrsipondi l-konvenut fis-somma  imsemmija ta LM223.50 u tilqa t-talba attrici billi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenut li, bhala responsabbli unikament gall-kollizzjoni ‘de quo’, li jhallas lill-atturi l-isemmija somma ta LM223.50 bl-imghax legali b’effett mit-22 ta Settembru 2000.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjes, billi l-konvenut ma llimitax ruhhu li jikkontesta biss il-‘quantum’ tad-danni izda anke r-responsabilita’ tiddeciedi li dawn ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-kwint (1/5) mill-atturi u erba kwinti (4/5) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------